MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 426/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**VS**

**Massimo Vassallo, iben Carmel u Isabella nee' Galea, imwieled Tal-Pieta' nhar l-4 ta' Ottubru, 1979, residenti fil-fond Atlantis, Triq il-Fiera, Bahrija (Rabat), detentur tal-karta tal-identita' numru 468079M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Massimo Vassallo** li gie akkuzat talli f'April 2010, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fil-kapacita' personali tieghu u bhala proprjetarju tal-hanut Unity DVD Rentals, San Gwann:

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

b. Jew ghamel uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew;

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu bhall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' diversi DVD films.

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca, jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, wara li gie prezentat id-debita kunsens tal-Avukat Generali ghall-istess.

Rat illi d-Difiza accettat illi l-oggetti elevati mill-pulizija WPC 103 Marcelle Mifsud u PS 494 Gordon Borg mingahnd il-hanut Unity DVD Rentals, wara li gie esegwit mandat mahrug mill-Magistrat Inkwirenti, kienu non-compliant. Xehdu illi fil-fond de quo kien hemm is-sid - l-imputat. Minn hemm gew elevati 357 DVD.

Giet prezentata wkoll stqarrija tal-imputat li ttiehdet wara li nghata d-dritt tal-konsulenza legali. Fl-istess Massimo

Vassallo ammetta b'mod car illi l-hanut kien fuq ismu, li kellu DVDs ikkuppjati fil-pussess tieghu, li ghamilhom hu stess, u li ghamel hu kopji ghall-kummerc, biex fi kliemu jkun jista' jikkompeti ma' hwienet ohra. Qal illi hu qatt ma biegh, imma kien jikri l-istess. Qal ukoll illi kien jiddispjacieh ta' dak li kien ghamel.

Rat illi gew prezentati mill-Ispettur Abdilla l-kwerela ta' Dr Patrick Galea u l-prokuri favur l-istess mill-kumpaniji esteri li taghhom kellu l-prokura.

Dawk huma l-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti qieghda tiskarta li jista' jkun hemm xi hjiel ta' reat taht l-Artikolu 298B, nonostante l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija, u dan ghaliex il-kwerela kif prezentata mill-Ispettur, ghalkemm hi li hi, pero kellha tkun wahda cara u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti - salv ezenzjoni tad-Difiza, kkonfermata bil-gurament mill-kwerelant in rapprezentanza tas-socjetajiet li taghhom hu mandatarju.

Tqis pero li Massimo Vassallo hu hati tal-akkuzi kkontemplati taht l-Artikoli 298(1)(a)(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieset il-fedina penali netta tal-imputat, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha ezebiti li jgibu n-numru KB286.2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------